**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

Żejtun Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 06/22**
**Data:** It-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2022
**Ħin:** 5:53hrs
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-6:34pm)
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier (Mis-6:11pm)
Roderick Caruana - Kunsillier (Skużat)
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **06.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **06.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **06.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **06.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **06.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| **06.06** | **Festa 2022;** |
| **06.07** | **Żejt iż-Żejtun;** |
| **06.08** | **Suq fil-beraħ;** |
| **06.09** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **06.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **06.11** | **Mozzjonijiet; u** |
| **06.12** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**06. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv resaq quddiem il-kunsill żewġ ittri ta' aploġija mingħand Abela u Rodercik Caruana (imejls annessi) | Segretarju Eżekuttiv |

**06. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Fenech<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 05/22 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 06. 2. 1 | 05.03.07 | Raymond Caruana | Talab li jitniżżel li waqt id-diskussjoni ma kinx preżenti għax ħalla l-kamra. | Raymond Caruana |
| 06. 2. 2 | 05.03.05 | Viċi-Sindku | Trid titniżżel Teatru fil-beraħ. | Viċi-Sindku |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**06. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 06. 2 5 | 05.02.07 | Baldacchino | Baldacchino qal li s-suq qed jiġi f'postu u lura għan-normal. | Baldacchino |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2 | 6 | 05.02.10 | Fenech | Fenech staqsiet dwar din il-kompetizzjoni. Chircop qal li ġew magħżula l-għaxar ritratti li ser ikunu qed jitwaħħlu fis-sala tal-Kunsill. Bir-ritratti l-oħra ser tittella' wirja waqt Żejt iż-Żejtun kif ukoll billboard fil-daħla taż-Żejtun. Dawn ir-ritratti ġew imdawwra biex jarawhom il-kunsilliera. | Chircop |
| 06. | 2 | 7 | 05.02.17 | Baldacchino | Fakkar lil Roderick Caruana sabiex iġibilna l-isem taż-żebgħa. | Caruana |
| 06. | 2 | 8 | 05.02.12 | Chircop | Chircop għamel referenza għall-miżuri maħruġa minn Gal Xlokk. Qal li tlifna l-fondi minħabba n-nuqqas ta' effiċjenza tal-Lands Department. | Chircop |
| 06. | 2 | 9 | 05.02.14 | Chircop | Chircop qal li nfurmati li ġew aċċettati l-ismijiet ta' Mogħdija Ħabel l-Aħmar, Triq il-Majjistri, Sqaq tal-Ħotob, Sqaq taċ-Ċawsli u Wegħet Karmenu Delia. Rigward Triq Wied iż-Żrinġ qablu imma tiġi t-triq kollha, saż-Żona Industrijali. | Chircop |
| 06. | 2 | 10 | 05.08.01 | Chircop | Chircop qal li dawk kollha li ser jieħdu rikonoxximent ġew infurmati u laqgħu dan ir-rikonoxximetn. Ser jingħata wkoll t-Trofej Karlu Diacono lill-bandisti.<br>Soċjeta' Mużikali Beland - Joseph Gatt u Mark Pace, filwaqt li l-Għaqda Banda Żejtun - Jerome Aquilina u David Mizzi. F'isem il-Kapella Diacono - Joseph Mercieca u Mro Ray Sciberras. Miċ-Circolo Mużikali Sta' Katarina bqajna ma rċevejna xejn.<br><br>Chircop qal li s-serata ser titella' fis-6 ta' Lulju fi Ġnien l-Għannejja Żwieten u wara bibita fi Ġnien il-Kmandant. Ser tkun animata minn Cherylis Camilleri u Jerome Debono. Ser jingħataw ukoll rikonoxximenti lil dawk li ħadu sehem fl-Ispecial Olympics. Jesmar Brincat, Jean Paul Grech, Isaac u Thomas Gusman, Maria James, gareth Mifsud, Cedric Peplow, Sean Ritchie, Matthew Scerri u Anthony Seguna. | Chircop |
| 06. | 2 | 11 | 05.10.08 | Chircop | Qal li tixtieq li jkollna skambju ta' turisti lokali. Tixtieq tibda' tagħmel tours lokali fiż-Żejtun. | Chircop |
| 06. | 2 | 12 | 05.03.09 | Camilleri | Camilleri staqsiet jekk iffirmajniex l-MOU. Ġie iffirmat imma għadna ma smajniex minn naħa tagħhom sabiex ituna kopja iffirmata. | Camilleri |
| 06. | 2 | 13 | 05.10.11 | Camilleri | Camilleri qalet li t-tieni sejħa nfetħet illum sal-1 ta' Lulju u b'kollox hemm 16 -il student. | Camilleri |
| 06. | 2 | 14 | 05.02.05 | Fenech | Fenech qalet li d-delegazzjoni ser tkun qed tiġi Malta bejn is-6 u t-12 ta' Settembru. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06. | 2 | 15 | 05.02.06 | Fenech | Fenech qalet li twaħħal it-tieni feeder fuq Paolo Freire Institute u diġa qed naraw progress fuq dak installat fuq il-knisja. Ser inkunu qed nibagħtu l-ittri tal-postijiet abbandunati. | Fenech |
| 06. | 2 | 16 | 05.10.06 | Fenech | Fenech qalet li ressaqna l-proposti fejn jidħlu annimali. Ressaqna wkoll proposti biex nippromwovu l-produtturi lokali bħal-ħalib, għasel, ġbejniet, żejt etċ. Jista; jintuża Ġnien il-Kmandant għal din l-attivita' . Il-Viċi-Sindku irrimarkat ukoll il-proposta li jsir Dog's area fi ġnien l-Għannejja Żwieten. | Fenech |
| 06. | 2 | 17 | 05.02.08 | Sindku | Is-Sindku qalet li ġew suġġeriti sleeping policeman, ordnajna t-tabelli tal-speed limit u sakemm tinfetaħ Triq il-Bies aħjar ma tintmesx. | Sindku |
| 06. | 2 | 18 | 05.10.03 | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 06. | 2 | 19 | 05.10.04 | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li l-wirja kienet suċċess. żaruha xi klassijiet mill-iskola. Infetħet mis-Sindku Doris Abela fil-preżenza tal-Onor. Ministru Owen Bonnici. | Viċi-Sindku |
| 06. | 2 | 20 | 05.10.05 | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess. | Viċi-Sindku |
| 06. | 2 | 21 | 05.02.09 | Sindku | Is-Sindku qalet li l-prinċipal infurmana li kif tispiċċa l-iskola jibdew jitmexxew il-kotba għal post fejn kienu qabel. Ser nitolbu bil-miktub li dan il-post jibqa' għal librerija. Irridu nixtru l-affarijiet li tkissru meta tmexxew l-kotba. | Sindku |
| 06. | 2 | 22 | 05.03.01 | Sindku | Ser nissuġerixxu l-ħinijiet bejn l-3:45pm sal-5:00pm u ġurnata l-Erbgħa. | Sindku |
| 06. | 2 | 23 | 05.03.06 | Sindku | L-Onor Ray Abela ma setax jattendi l-laqgħa tal-kunsill u ser intuh data oħra. | Sindku |
| 06. | 2 | 24 | 05.03.07 | Sindku | Is-Sindku qalet li Roberto Camilleri ġie l-Kunsill, kellmitu fuq l-affarijiet li iddeċidejna bħala Kunsill. Meta jkollu l-permessi meħtieġa noħorġulu l-permess. | Sindku |
| 06. | 2 | 25 | 05.09.01 | Sindku | Is-Sindku qalet li saru l-interviews għall-ħaddiema manwali minn skema 3. Minn 12 ġew magħżula żewġ persuni. | Sindku |

**06 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/22. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 1 | 1 | Chircop | Chircop qal li ser napplikaw għall-fondi mill-Kunsill Malti għal Volontarjat. Hemm il-ħsieb li issir attivita' waqt il-kunċert tal-Milied flimkien mal-attivitajiet f'għeluq it-325 sena bħala belt u t-80 sena mill-mewt ta' Karlu Diacono. Kellmuna wkoll il-MUYA dwar dan. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 06 | 3 | 2 | | Sindku: Gazebo fi Ġnien l-Għannejja Żwieten | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-gazebo tal-ġnien irid isirilha manutenzjoni peress li l-injam li jdawwruha ġie vandalizzat. Qed jinġabru stimi sabiex isiru tal-ħadid. | Sindku |
| **06.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 4 | 1 | | Baldacchino | Baldacchino staqsa jekk jistax jibda jintalab ħlas għal reserved parking tal-banek, posta etc. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm il-ħsieb li Ġnien il-Kmandant jibda jinkera għat tiġijiet. Ser niċċekjaw stima sabiex issir sistema ta' dawl. Il-Kunsill qabel unanimament dwar din il-proposta. | |
| 06. | 4 | 2 | | Fenech | Fenech staqsiet jekk kinx hemm żvilupp fuq il-ħsara tad-dawl. Ser ikun qed isiru testijiet minn naħa ta' Nexos fuq il-cables. | Segretarju Eżekuttiv |
| 06. | 4 | 3 | | Camilleri | Camilleri staqsiet dwar il-gutter fi Triq San Porfilju. Ser nibagħtu tfakkira lill-kuntrattur. | Sindku |
| 06. | 4 | 4 | | Camilleri | Camilleri staqsiet dwar problema tal-bozza fi-Triq Kamumilla minħabba ċint mal-arblu. | Caruana |
| **06.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 5 | 1 | | Chircop | Chircop issuġerixxa sabiex isir sleeping police fi Trejqet is-Sagħtar. | Sindku |
| 6 | 5 | 2 | | Chircop | Chircop ġibed l-attenzjoni li fi Triq Bandolier qed jitħallew tilari tal-ħadid barra. Caruana qal ukoll li hemm problema fil-parkeġġ peress li m'hemmx sinjali. | Sindku |
| 6 | 5 | 3 | | Caruana Raymond | Caruana qal li fi Sqaq Sta Marija persuna għamlet ħafna ħsara. | |
| **06.** | **6.** | | | **Festa 2022;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. | 6. | 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li kellna festa sabiħa b'folol kbar ta' nies. Irringrazzjat lill-Arċipriet, l-għaqdiet kollha, każin tal-baned, pulizija kif ukoll il-ħaddiema tat-tindif. Semmiet il-problemi li kien hemm bl-għeluq tat-toroq. Il-cleansing sellfuna 10 bins u ġew misruqa tnejn li rridu nħallsu għalihom. Il-kuntrattur ġabilna 14 -il bin kbir. Il-pjazza kienet nieqsa mill-bins u ħinijiet tal-latrina iridu jkunu aħjar, b'attendant magħha. Kellmuna l-NGO żibel fejn talbu €250 sabiex titpoġġa kontenitur għal flixken użati li ma kinx hemm qbil dwaru. Irridu nsibu meżż ta' dħul sabiex inkunu nistgħu inżidu t-tindif. | Sindku |
| **06.** | **7.** | | | ***Żejt iż-Żejtun;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 06 7 1 | | Viċi-Sindku | Il-Viċi-Sindku qalet li din ser tiġi ċċelebrata bejn l-24 u l-25 ta' Settembru. Ser isir xi ċaqliq kif ukoll tnaqqis fi spejjeż peress li kollox qed ikun ta' piż kbir. | Viċi-Sindku |
| **06. 8.** | | **Suq fil-beraħ;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li s-suq mexa u l-problemi mal-bejjiegħa kienu ftit. Il-planter tan-nofs ser jibqa' fejn hu. Rigward il-fetħa għadna bla risposta. Sar suġġeriment li Triq Hector Dalli tiġi one-way u minn Triq is-Sur toħroġ lejn Triq Salvu Cacciatolo l-isfel. | Sindku |
| **06. 9.** | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 06. 9. 1 | | Viċi-Sindku | Ser issir ġurnata għal Etnaland fit-30 ta' Lulju. | Viċi-Sindku |
| 06. 9. 2 | | Fenech | Fenech qalet li fil-11 sad-19 ta' Lulju grupp ta' 8 żgħażagħ ser imorru exchange f'Rimini fuq il-proġett Let's talk about xxx | Fenech |
| 06. 9. 3 | | Fenech | Fenech qalet li ser jintefgħu żewġ tenders għal vannijiet bl-elttriku. | Fenech |
| 06. 9. 4 | | Fenech | Fenech qalet li ser ikollna ħaddiem assenjat għal ħmistax li ser ikun qed jaħdem l-iktar fuq elettriku. | Fenech |
| 06. 9. 5 | | Camilleri | Camilleri qalet li sar festin għall-anzjani fit-12 ta' Ġunju għal festa. | Camilleri |
| 06. 9. 6 | | Camilleri | Camilleri qalet li applikajna sabiex isiru l-korsijiet f'livell ta' MQF2għall-Malti u Ingliż. | Camilleri |
| 06. 9. 7 | | Chircop | Chircop qal li ser nerġgħu nibdew bl-artist tax-xahar billi jesebixxu tlett biċċiet arti minn tagħhom. | Chircop |
| | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 00. 0. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 06/22 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 00. 0. 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 06/22 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 00. 0. 3 | | *Petty Cash* - Mejju 2022 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kienu jammontaw għal €120.83.<br><br>Camilleri resqet għall-approvazjoni invoice mingħand Arthur & Sons Bakery li tammonta għal €269 li ġiet approvata. | Segretarju Eżekuttiv |
| **06 11** | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 00. 11 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet mressqa | |
| **06 12** | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:07pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

| | |
|---|---|
| Maria Dolores Abela | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |